

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni għet annullata sa fejn ċaħdet l-oppożizzjoni għal parti mis-servizzi fil-klassi 35. L-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja għal tali servizzi għet miċħuda u l-istess l-appell għall-kumplement tas-servizzi fil-klassi 35.

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, inkwantu l-Bord tal-Appell iddeċieda b'mod żbaljat illi kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni u t-trade mark li għaliha saret l-oppożizzjoni.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Lulju 2011 — Langguth Erben vs UASI (MEDINET)

(Kawża T-378/11)

(2011/C 269/121)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Franz Wilhelm Langguth Erben GmbH & Co. KG (Traben-Trarbach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Kunze u G. Würtenberger, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-10 ta' Mejju 2011 fil-Każ R 1598/2010-4 dwar l-Applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 8 786 485;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: trade mark figurattiva "MEDINET" għal prodotti fil-klassi 33 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 8 786 485

Deċiżjoni tal-eżaminatur: rifjut tar-reġistrazzjoni tat-trade mark inkwistjoni bl-anzjanità ta' trade marks nazżjonali u ta' reġistrazzjonijiet internazzjonali preċedenti

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikoli 34, 75 u 77 tar-Regolament Nru 207/2009 sa fejn il-Bord tal-Appell i) irrifjuta b'mod illegali li jirrikonoxxi l-anzjanità, ii) ma weġibx għall-argumenti tar-rikorrenti dwar id-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell dwar it-talbiet ta' prijorità u ta' anzjanità u iii) ma żammx seduta.

Rikors ippreżentat fil-21 ta' Lulju 2011 — Hüttenwerke Krupp Mannesmann et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-379/11)

(2011/C 269/122)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Hüttenwerke Krupp Mannesmann GmbH (Duisburg, il-Ġermanja), ROGESA Roheisengesellschaft Saar mbH (Dillingen, il-Ġermanja), Salzgitter Flachstahl GmbH (Salzgitter, il-Ġermanja), ThyssenKrupp Steel Europe AG (Duisburg, il-Ġermanja), voestalpine Stahl GmbH (Linz, l-Awstrija) (rappreżentanti: S. Altenschmidt u C. Dittrich, avukati)

Konvenuti: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2011 li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokkazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [C(2011) 2772, ĠU L 130, p. 1] u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-27 ta' April 2011, li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokkazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾. Huma jitolbu l-annullament tad-deċiżjoni kollha.

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw sitt motivi.

(1) L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE ⁽²⁾ minħabba l-punt ta' riferiment ta' prodotti għal minerali sinterizzati

Ir-rikorrenti jinvokaw l-illegalità tal-kundizzjonijiet li jinsabu fl-Anness I tad-deċiżjoni kkontestata dwar il-punti ta' riferiment ta' prodott.

— Inkompatibbiltà mal-Artikolu 10a(2) tad-Direttiva 2003/87

— Ir-rikorrenti jostnu li l-iffissar tal-punt ta' riferiment ta' prodott għal minerali sinterizzati jmur kontra l-Artikolu 10a(2) tad-Direttiva 2003/87, minħabba li l-Kummissjoni stabbilixxiet dan il-punt ta' riferiment abbażi ta' installazzjoni ta' produzzjoni ta' gerbub sabiex jiġi stabbilit ir-rendiment medju tal-installazzjonijiet li jiffurmaw l-ogħla 10 % tal-iktar installazzjonijiet effiċjenti f'settur jew subsettur. Issa, huma jqisu li l-gerbub huwa prodott li ma jikkorrispondix ma' minerali sinterizzati u li l-installazzjonijiet ta' produzzjoni ta' gerbub għalhekk ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni meta jiġi stabbilit 10 % ta' installazzjonijiet ta' amalgamazzjoni permezz tas-sħana l-iktar effiċjenti.

— Inkompatibbiltà mal-Artikolu 10a(1) tad-Direttiva 2003/87